

## Tagħrif dwar it-tieni Surmast Direttur tal-Banda San Filep

# Mro. Andrea (Indrì) Borg

(1818 – 1903)



minn John Gafà
Arkivista



Mro. Andrea Borg

Mro. Andrea Borg, magħruf aħjar bħala Mastru Indrì, twieled fis-7 ta' Jannar, 1818, fil-parroċċa Dumnikana ta' Portu Salvu, il-Belt Valletta, minn Salvatore Borg u Antonia mwielda Bonello. Huwa tgħammed l-għada, jiġifieri nhar it-8 ta' Jannar.

Sfortunatament, ta' sentejn Indrì tilef id-dawl ta' għajnejh b'diżgrazzja. Iżda dan il-fatt xejn ma tellfu, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-mużika. Għalkemm għama, ta' età żgħira Indrì kien diġà jagħraf liema strumenti jkunu qegħdin jindaqqu fil-knisja waqt li jkun qiegħed jisma' l-quddies. Għalhekk, meta l-ġenituri tiegħu ntebħu bil-kapaċità li kellu binhom, huma bagħtuh jistudja l-mużika għand wieħed mill-aqwa surmastrijiet li kien hemm il-Belt Valletta f'dak iż-żmien. Dan kien is-Surmast Rull, li kien ukoll Maestro di Cappella tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

Indrì kien juri entużjażmu partikolari waqt il-lezzjonijiet tal-mużika. Għall-ewwel, is-Surmast Rull beda jgħallmu jdoqq il-flawt, li dak iż-żmien kien magħruf bħala flejguta. Iżda wara ftit beda jgħallmu wkoll il-klarinett – l-istrument li Indrì Borg għażel li jdoqq u li tant kien iħobb. Fil-fatt, għad li tgħallem idoqq bosta strumenti oħra fosthom il-kitarra, huwa baqa' jdoqq il-klarinett u saħansitra beda jgħallmu meta laħaq surmast direttur ta' xi baned. Indrì wasal biex tgħallem u għallem il-mużika billi kien iżomm f'moħħu n-noti u l-ħoss partikulari ta' kull nota, u kif tinkiteb fuq jew taħt il-ħames rigi. In-nuqqas ta' dawl kien jagħmel tajjeb għalih bl-udit u l-memorja tal-għaġeb li kellu.

Bla ma qatt ra partitura mużikali,



Introito
1859 10 Febbrajo Solennità di San Paolo
Contribuzione per quindici strumenti nuovi per la Banda di San Filippo
Persone contribuenti
[illegible]
Raccolta in tutto il Casale fatta da Giuseppe Balzan e Gaetano Attard 12 2
Andrea Borg 1 2
Filippo Galea 3 1
Francesco Attard
Filippo Vassallo 1
CONT. PA. 813

L-ewwel paġna tad-dokument tal-ġabra għall-istrumenti li nbdiet fl-10 ta' Frar 1859

Mastru Indrì Borg xorta waħda kien jirnexxielu jikkomponi l-mużika. Dan kien jagħmlu fuq injama li kellha mnaqqxin il-ħames rigi li fuqhom tinkiteb il-mużika. B'hekk huwa seta' jħosshom b'subgħajh. Imbagħad kien jaqbad biċċiet tax-xema', li dejjem kien iżomm ħdejh, u jiffurmahom f'boċċi ta' daqsijiet differenti sabiex jissimbolizzaw in-noti mużikali. Dawn kien iwaħħalhom fuq ir-rig mużikali sabiex joħloq il-melodija. Imbagħad kien isejjaħ lil xi ħadd viċin tiegħu u jqabbdu jikkopja dik il-mużika fuq karta sabiex tkun tista' tindaqq. Wara li jismagħha kien jagħmel it-tiswijiet meħtieġa.



Id-dokument tal-1851 fl-arkivju tal-Parroċċa ta' Santa Katarina, Żurrieq

B'dan il-mod, Indrì Borg irnexxielu jikteb bosta siltiet mużikali kif ukoll għamel arranġamenti ta' diversi polki, valzi, marċi, sonati u innijiet. L-ewwel innu li kiteb kien iddedikat lil San Duminku. Dan indaqq nhar il-festa tiegħu tal-1860 u tkanta mit-tfal. Innijiet oħra li kiteb huma ddedikati lil San Filippu, San Publiju, Sant Andrija u l-Madonna ta' Liesse. Il-versi ta' dawn l-innijiet inkitbu bit-Taljan min-nies imlaħħqin fil-kamp letterarju u mużikali ta' dak iż-żmien, fosthom Dun Ġużepp Zammit Brighella, il-Prof. Ċesare Vassallo u Antonio Crescimanno. Indrì Borg kiteb ukoll Trattat tal-Mużika, li bil-lingwa Maltija jispjega x'inhuma l-armonija, il-partituri u l-kuntrapunt.

Meta fl-1860 is-Surmast Andrea Borg ħa l-Banda San Filep f'idejh, huwa qabad mod sistematiku ta' tagħlim tal-mużika u bih organizza u kabbar il-banda, li kien beda Mro. Filippo Galea uffiċjalment fis-sena 1851. F'dokument li hemm fil-Arkivju juri li fl-10 ta' Frar tas-sena 1859 (Festa ta' San Pawl Nawfragu) il-Maestri Angelo Galea, Filippo Galea, Andrea Borg flimkien ma' benefatturi oħra, kienu taw flus lill-Filarmonika San Filippo biex inxtraw ħmistax-il strument ġdid għall-istess Banda San Filep[1].

Bis-saħħa ta' Mastru Indrì, il-Filarmonika San Filippo ħadet prominenza kbira għax beda joħroġha ddoqq barra minn Ħaż-Żebbuġ. Fil-fatt, l-ewwel darba li l-Filarmonika San Filippo ħarġet iddoqq barra minn Ħaż-Żebbuġ kien fil-25 ta' Novembru 1851, għall-festa ta' Santa Katerina fiż-Żurrieq[2]. Dak iż-żmien Mastru Indrì kien sostitut surmast fin-nuqqas ta' Maestro Filippo Galea. Imbagħad fl-1860, il-Filarmonika San Filippo taħt id-direzzjoni tas-surmast Andrea Borg kienet l-ewwel banda Maltija li daqqet fil-Belt Valletta għall-okkażjoni tal-festa ta' San

Duminku ġewwa l-Parroċċa tad-Dumnikani fil-Belt Valletta[3]. Baqgħet tagħmel dan is-servizz għal diversi snin. Dan il-progress wassal lil din il-banda tkompli tieħu xejra iktar moderna għal kif aħna nafu l-baned illum. Fis-sena 1850 Maesteo Indri waqqaf 'Banda Nazzjonali' f' Ħaż-Żebbuġ. Hu kien midħla sew ta' bosta baned mifruxa madwar Malta u għalhekk dak in nhar irnexxilu jaqgħad banda, billi uża l-qafas ta' element bandistiku Żebbuġi u żewqu ma' bandisti li kienu ġejjin minn irħula oħra u għalhekk it-titolu mistħoqq ta' Banda Nazzjonali. Billi l-unika banda eżistenti kienet dik ta' *Banda di San Filippo* u ma kienetx teżisti l-ebda banda oħra f' raħalna, wieħed jissopponi b' mod konkret li l-qafas li uża biex jifforma din il-banda kien dak ta' San Filep, banda li kien diġà jifforma parti minnha. Dan kien il-bidu tal-mod kif il-baned Maltin komplew jevolvu biex ftit ftit laħqu l-format li għandhom illum.


Il-Vetrina msemmija għal Mro. Andrea (Indrì) Borg fejn hemm esebiti numru ta' strumenti antiki tal-Banda San Filep

Fit-8 ta' Mejju, 1864, l-istatwa artistika u monumentali ta' San Filep daħlet trijonfalment ġewwa l-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ akkumpanjata minn purċissjoni li ħarġet mill-Kappella tal-Anġli. Il-Filarmonika San Filippo għamlet tliet servizzi mużikali u ndaqq Innu lil San Filep, mużika ta' Mastru Indrì. Dan baqa' jindaqq għal bosta snin. Dan is-surmast baqa' jidderieġi l-Banda San Filippo sal-1868. Skont il-kittieb is-Sur Joe Miceli, sitt xhur wara li ħa t-tmexxija tal-Banda San Filippo fl-1860, Andrea Borg waqqaf il-Banda L'Isle Adam tar-Rabat.

Mastru Indrì Borg kien kapaċi jsewwi l-orgnijiet tal-knejjes. Fosthom sewwa dak tal-Katidral u tal-Knisja ta' San Pawl Nawfragu, li fih elf u sebgħa u tletin kanna mużikali. Għalkemm għama, Indrì Borg irnexxielu jegħleb din id-diżabilità u joħloq opportunitajiet oħra sabiex jagħti kontribut lill-iżvilupp mużikali ta' pajjiżu. Fil-fatt, huwa jibqa' magħruf għall-mod kif organizza l-baned f'pajjiżna għaliex fil-baned Maltin ried li jindaqqu l-istrumenti kollha li jinsabu fil-baned militari.

Indrì żżewweġ lil Marianna mwielda Ebejer fis-sena 1848, u kellhom tifel uniku li semmewh Giuseppi. Aktar 'il quddiem lil dan ukoll insibuh bħala surmast direttur tal-Banda San Filep. Ix-xwejjaħ Indrì miet fqir, għama u mkenen fl-isptar tal-anzjani San Vincenz de Paule, Ħal Luqa, fil-15 ta' Marzu, 1903, fl-għomor ta' erbgħa u tmenin sena.

**Referenzi:**

1 Dokument miżmum fl-Arkivju tal-Banda San Filep juri li fl-10 ta' Frar 1859, is-surmastrijiet Angelo Galea, Filippo Galea u Andrea Borg, flimkien ma' benefatturi oħra, taw flus lill-Banda San Filep biex inxtraw ħmistax-il strument ġdid lill-bandisti għall-istess Banda San Filep.

2 Fil-25 ta' Novembru 1851, il-Filarmonika San Filippo daqqet għall-festa ta' Santa Katerina fiż-Żurrieq. Id-dokument li jinsab fl-arkivju tal-Parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żurrieq, juri ħlas lil Andrea Borg fl-1851.

3 Tifkira tal-Festi Anniversarji tal-Banda San Filep 1851 – 1961. Diskors miżmun milll-Avukat Joseph G. Borg, President tal-Każin Banda San Filep.